**29 ta' Mejju, 1963.**

**Imħallef:**

**Onor. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.**

Caterina Giorgio

*versus*

Avukat Dottor Giovanni Bonello et noe

**Separazzjoni Personali — Kommunjoni tal-Akkwisti — Ċessazzjoni tal- — Ċitazzjoni — Kawżali — Bejgħ — Awtorizzazzjoni għall — Mara lill-.**

*Is-separazzjoni personali ma ġġibx magħha neessarjament iċ-ċessazzjoni tal-kommunjoni tal-akkwisti jekk ma tiġix mitluba minn xi wieħed mill-konjugi. Iċ-ċitazzjoni li fiha l-mara miżżewġa titlob li tiġi awtorizzata tbiegħ beni minnha akkwistati wara l-pronunzja tas-separazzjoni personali trid tiġi preċeduta minn talba għaċ-ċessazzjoni tal-kommunjoni tal- akkwisti.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi — premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u mogħti kull provvediment opportun;

Billi b'sentenza ta' dina l-Qorti tat-8 ta' Novembru, 1946 fuq istanza tal-imsemmi Giuseppe Giorgio ġiet pronunzjata s-separazzjoni personali bejn l-attriċi u żewġha għall-ħtijiet tal-attriċi u ġew applikati "in toto" id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili kontra l-istess attriċi.

U billi wara s-sentenza fuq imsemmija l-attriċi akkwistat b'xiri fl-atti tan-Nutar Dottor Angelo Sammut tas-6 ta' Marzu, 1951, il-garage "Nelly" f'John Borg Street Birkirkara, sottopost għal beni viċini, kif soġġett għar-rata tiegħu ta' subċens perpetwu ta' lira (£1) fis-sena, kif ukoll soġġett għas-servitu ta' twieqi versu l-viċini;

U billi l-attriċi tinsab f'sitwazzjoni finanzjarja prekarja u għandha għalhekk bżonn li tbiegħ l-istess garage fuq deskritt — ħaġa li hija ma tistax tagħmel mingħajr il-kunsens ta' żewġha, stante li l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom għadha sseħħ a rigward tal-akkwisti anke magħmulin mill-attriċi wara s-separazzjoni personali;

U billi mhux ġust taħt l-ebda aspett illi l-attriċi tibqa' f'dina l-pożizzjoni li ma tistax tiddisponi minn akkwisti li għamlet wara s-separazzjoni personali u fl-istess ħin tinsab fil-bżonn.

Titlob illi dina l-Qorti tordna illi jispiċċa kull jedd tal-fuq imsemmi Giuseppe Giorgio, żewġha fuq kull akkwist li sar u li għad jista' jsir minnha wara s-separazzjoni personali tagħha minn żewġha u speċjalment fuq il-garage "Nelly" f'John Borg Street, Birkirkara, kif fuq deskritt, li ġie hekk akkwistat minnha, bl-ispejjeż kontra l-konvenuti.

OMISSIS...

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenuti kuraturi fuq imsemmijin, li biha jeċċepixxu illi ċ-ċessazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti posterjuri għas-sentenza ta' separazzjoni tista' tiġi pronunzjata wara l-eżami taċ-ċirkostanzi kollha li f'dan il-każ ma jidhirx li jiġġustifikaw din it-talba; illi f'dan il-ġudizzju ma jistax jiġi konċess lil attriċi d-dritt li tiddisponi mill-fond "de quo" għaliex dan jista' jsir biss wara l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti li hi għamlet wara s-separazzjoni personali, u s'issa ma saret ebda domanda għal tali likwidazzjoni u diviżjoni; illi fi kwalunkwe każ huma fil-kwalità tagħhom premessa ma jistgħu jiġu qatt imċaħħdin min nofs il-fond, għaliex durante l-komunjoni l-akkwisti tal-mara huma wkoll tar-raġel. Salvi l-eċċezzjonijiet oħra;

OMISSIS...

Ikkunsidrat;

Illi b'sentenza ta' dina l-Qorti tat-8 ta' Novembru, 1946, fuq istanza ta' Giuseppe Giorgio ġiet pronunzjata s-separazzjoni personali bejn l-attriċi — konvenuta f'dik il-kawża — u l-imsemmi Giuseppe Giorgio, żewġha, għal ħtijiet ta' l-attriċi, u ġew applikati kontra tagħha "in toto" d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili. L-attriċi tgħid li fil-kors taż-żwieġ, qabel dik is-sentenza, hi u żewġha kienu akkwistaw prinċipalment bl-industrija tagħha, xi fondi, li baqgħu jiġu

amministrati minn żewġha bħala kap tal-komunjoni tal-akkwisti, li ma ġietx xolta u li kwindi għadha sseħħ. In segwitu għal dik is-sentenza, u preċiżament fis-6 ta' Marzu, 1951 flatti tan-Nutar Dr. Angelo Sammut, l-attriċi akkwistat b'xiri l-garage msemmi fiċ-ċitazzjoni. Hi tgħid ukoll li minħabba s-sitwazzjoni prekarja finanzjarja li tinsab fiha għandha bżonn tbiegħ l-istess garage iżda ma tistax tagħmel hekk billi dan il-garage jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti msemmija, u mhux hi iżda żewġha biss jista' jiddisponi minnu, u li hi ma rnexxilix tottjeni l-kunsens ta' żewġha biex tkun tista' tbiegħ l-istess garage. Għalhekk l-attriċi ġiet 'l quddiem b'din il-kawża;

Illi l-attriċi tibbaża d-domanda tagħha fuq l-artikolu 64 tal-Kodiċi Ċivili li jiddisponi illi l-Qorti tista' f'kull każ, skond iċ-ċirkostanzi, fuq talba ta' waħda mill-partijiet, tordna li jispiċċa kull dritt tal-parti l-oħra fuq l-akkwisti li wara l-firda, isiru mill-attur, ukoll jekk l-akkwisti ta' bejn xulxin ikunu ġew miftehmin b'kuntratt; u illi l-Qorti tista' wkoll tilqa' din it-talba taħt il-kondizzjoni li l-attur jirrinunzja għad-dritt tiegħu fuq l-akkwisti li wara l-firda jsiru mill-konvenut.

Illi kif ġie ritenut minn dina l-Qorti fis-17 ta' Ottubru, 1933, fis-sentenza fil-kawża in re Quattromani utrinque, minn din id-dispożizzjoni tal-liġi "non è lecito arguire che avendo la legge disposto per gli acquisti posteriore alla pronunziata separazione la comunione degli acquisti anteriori si debba ritenere sciolta e cessata ipso jure, ma occorre sempre una domanda di uno dei coniugi per farla cessare, siccome incombe alla Corte di esaminare le circostanze del caso per decidere se vi sia luogo ad accordare o meno la detta cessazione, ed accordandola, di imporre o meno la condizione della rinunzia dell'altro coniuge a titolo di reciprocità";

Illi s-separazzjoni personali ġiet pronunzjata bejn il-kon-

tendenti għal ħtijiet ta' l-attriċi imma ma ġietx dikjarata ċessata l-komunjoni tal-akkwisti, billi ħadd mill-konjugi ma għamel domanda għal dik iċ-ċessazzjoni, u huwa risaput li f'ebda każ ix-xoljiment jew ċessazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ma isegwix bħala effett naturali tal-pronunzjazjoni tas-separazzjoni personali, imma teħtieġ dejjem domanda ta' wieħed mill-konjugi biex jagħmilha tiċċessa;

Illi għalhekk id-domanda ta' l-attriċi tirriżulta magħmula minnha intempestivament, billi tonqos il-bażi li fuqha setgħet tiġi fondata, ċioè l-preċedenti dikjarazzjoni taċ-ċessazzjoni tal-akkwisti konjugali; u billi anke fiċ-ċitazzjoni tonqos domanda simili li għandha tippreċedi d-domanda odjerna ta' l-attriċi u tikkostitwixxi d-domanda prinċipali tal-ġudizzju;

Għal dawn ir-raġunijiet,

Tillibera l-konvenuti nomine mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż.